SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

16 ta' April 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Kunċett — Artikolu 87(1) KE — Privileġġi mogħtija lil stabbiliment bankarju — Kumpannija li teżerċita obbligi ta' servizz pubbliku — Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida — Artikolu 88(3) KE — Setgħat tal-qorti nazzjonali"

Fil-Kawża C-690/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Monomeles Efeteio Thrakis (il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Diċembru 2013, fil-proċedura

Trapeza Eurobank Ergasias AE

vs

Agrotiki Trapeza tis Ellados AE (ATE),

Pavlos Sidiropoulos,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn K. Jürimäe, President tal-Awla, J. Malenovský (Relatur), u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Trapeza Eurobank Ergasias AE, minn A. Mitsibouna u E. Katsigianni, avukati,

— għal Agrotiki Trapeza tis Ellados AE (ATE), minn E. Bourtzalas u M. Fefes, avukati,

— għall-Gvern Grieg, minn G. Skiani u M. Germani, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Flynn u I. Zervas, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 87(1) KE u l-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Trapeza Eurobank Ergasias AE (iktar 'il quddiem "Eurobank") u Agrotiki Trapeza tis Ellados AE (ATE) (iktar 'il quddiem "ATE") u P. Sidiropoulos dwar il-validità tal-iskrizzjoni ta' ipoteka minn ATE fuq il-proprjetà ta' P. Sidiropoulos.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), fil-punti (b), (ċ), u (f) jipprevedi:

"Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

b) 'għajnuna eżistenti' għandha tfisser:

i) […] l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istati Membri rispettivi, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat;

[…]

iv) għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżistenti skond l-Artikolu 15;

[…]

ċ) 'għajnuna ġdida' għandha tfisser kull għajnuna […] li m'hijiex għajnuna eżistenti, li jinkludu tibdil lill-għajnuna eżistenti;

[…]

f) 'għajnuna kontra l-liġi' għandha tfisser għajnuna ġdida li tiddaħħal fis-seħħ f'kontravenzjoni ta' l-Artikolu [88 KE]".

4 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jistipula:

"Għajnuna notifikabbli skond l-Artikolu 2(1) m'għandhiex tiddaħħal fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni ma tkun ħadet, jew tinftiehem li tkun ħadet, deċiżjoni li tawtorizza din l-għajnuna."

5 L-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament huwa redatt kif ġej:

"1. Il-poteri tal-Kummissjoni sabiex jirkupraw l-għajnuna għandhom ikunu suġġett għal perjodu ta' limitazzjoni [terminu ta' preskrizzjoni] ta' għaxar snin.

2. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda dakinhar li fih l-għajnuna llegali tingħata lill-benefiċarju jew bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna taħt skema ta' għajnuna. […]

3. Kull għajnuna li għaliha jkun skada l-perjodu ta' limitu [t-terminu ta' preskrizzjoni], għandha tinftiehem li hi għajnuna eżistenti."

6 L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament Nru 659/1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Vol. 4, p. 3), jiddikjara fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[…] alterazzjoni għal għajnuna eżistenti tfisser xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta' l-għajnuna mas-suq komuni. […]"

Id-dritt Grieg

7 ATE ġie stabbilit bil-Liġi 4332/1929 (FEK A' 283 tas-16 ta' Awwissu 1929). L-Artikolu 1(1) ta' din il-liġi jipprovdi:

"Huwa stabbilit organu bankarju indipendenti ta' utilità pubblika li għandu s-sede tiegħu f'Ateni u bl-isem '[ATE]', li għandu bħala l-għan tiegħu, l-eżerċizzju tal-attività ta' kreditu agrikolu fil-forom kollha tagħha, it-tisħiħ tal-organizzazzjoni f'kooperattivi u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' twettiq ta' xogħlijiet agrikoli fis-sens wiesa' u ta' tranżazzjonijiet konnessi."

8 Bil-għan li jiġu kkumpensati r-riskji għolja tal-għoti ta' kreditu agrikolu, l-Artikoli 12 u 13(1) tal-imsemmija liġi, pprovdew lil ATE bi privileġġi speċjali (iktar 'il quddiem il-"privileġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali"), jiġifieri b'mod partikolari:

— id-dritt li jiskrivi ipoteka fuq proprjetà tad-debituri tiegħu, bdiewa jew persuni oħra li jeżerċitaw attività relatata, mingħajr il-bżonn jikkonkludi kuntratt ta' ipoteka ma'dawn tal-aħħar;

— id-dritt li jeżegwixxi rkupru forzat permezz ta' sempliċi dokument iffirmat, bħal dokument ta' kreditu, li jikkostitwixxi, fih innifsu, titolu eżekuttiv, u

— l-eżenzjoni mill-ispejjeż kollha u drittijiet waqt l-iskrizzjoni ta' tali ipoteka kif ukoll għal tali rkupru forzat.

9 Fl-1987, l-iskop tal-ATE ġie estiż għall-eżerċizzju ta' kull attività bankarja.

10 L-Artikolu 26(1) u (4) tal-Liġi 1914/1990 (FEK A' 178 tas-17 ta' Diċembru 1990) jiddikjara:

"[ATE] huwa ttrasformat f'kumpannija b'responsabbiltà limitata sa mill-pubblikazzjoni fil-bulettin tal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata fil-ġurnal uffiċjali tal-Gvern — b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ marbuta mal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata — tal-istatuti l-ġodda tiegħu, li għandhom jiġu redatti minnu b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet marbuta mal-banek ikkostitwiti fil-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata fis-sitt xhur suċċessivi għall-pubblikazzjoni ta' din il-liġi u għandhom jiġi approvati b' deċiżjoni konġunta tal-Ministeri tal-Finanzi u tal-Agrikoltura.

[…]

Id-dispożizzjonijiet speċjali kollha marbuta mal-[ATE] u li jagħmlu riferiment b'mod partikolari għall-privileġġi tiegħu, materjali u proċedurali, għall-eżenzjonijiet tiegħu, fiskali u oħrajn, għat-titoli ta' kreditu tiegħu, għall-garanziji tal-krediti tiegħu u, b'mod ġenerali, għall-persuna tiegħu bħala waħda li assumiet drittijiet u obbligi, huma miżmuma fis-seħħ u japplikaw b'mod inoltrat […]."

Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 ATE u P. Sidiropoulos ikkonkludew kuntratt ta' self fl-2001 u kuntratt ta' ftuħ ta' kreditu fl-2003, sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-attività agrikola ta' dan tal-aħħar. Bil-għan li jiggarantixxi dawn il-krediti, ATE, wara l-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti, iskriva ipoteka fuq il-porzjon ta' art agrikola tad-debitur tiegħu.

12 Eurobank, bank ikkostitwit fil-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, kien ukoll kreditur ta' P. Sidiropoulos. Abbażi ta' dan, Eurobank ippreżenta quddiem l-Eirinodikeio Dramas (qorti distrettwali ta' Dráma) talba għal ordni ta' ħlas, li ġiet milqugħha minn din tal-aħħar.

13 Abbażi ta' dan l-ordni għal ħlas, Eurobank ippreżenta proċedura ta' rkupru forzat fuq il-porzjon ta' art agrikola ta' P. Sidiropoulos. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, immanifestaw ruħhom krediturі oħra, fosthom ATE, li kiseb, permezz tal-ipoteka tiegħu, il-pożizzjoni ta' kreditur ipprivileġġat. Peress li l-prezz tal-bejgħ tal-porzjon kien inferjuri għall-krediti kollha miżmuma minn ATE, Eurobank ma ġiex inkluż fil-lista ta' krediturі pprivileġġati u, għaldaqstant, ma kisibx ir-rimbors tas-self tiegħu.

14 Eurobank ikkontesta quddiem il-Monomeles Protodikeio Dramas (qorti superjuri ta' Dráma komposta minn ġudikant wieħed) il-pożizzjoni mogħtija lil ATE fil-lista ta' krediturі, billi sostna li l-ipoteka iskritta minn ATE kienet tikser l-Artikolu 87 KE u li din kellha konsegwentement, tiġi ddikjarata nulla. Din il-qorti ċaħdet ir-rikors.

15 Eurobank appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Monomeles Efeteio Thrakis (il-qorti tal-appell ta' Thrace fil-kompożizzjoni tagħha ta' Imħallef wieħed) li ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lil Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) a) Il-privileġġi sostantivi u proċedurali mogħtija lil [ATE] permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 13(1) tal-Liġi 4332/1929, [moqrija] flimkien mal-Artikolu 26(1) tal-Liġi 1914/1990, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu [87(1) KE]?

b) Din ir-restrizzjoni tibqa' applikabbli, anki jekk jiġi kkunsidrat li [ATE] tibqa' teżerċita, skont l-istatuti tagħha, attività 'ta' utilità pubblika'?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domandi 1(a) u (b), il-Greċja kellha ssegwi l-proċedura prevista fid-dispożizzjoni tal-Artikolu [88(3) KE] sabiex dawn il-privileġġi jibqgħu fis-seħħ?

3) Il-qorti *de quo* hija obbligata li teskludi l-applikazzjoni f'dan il-każ tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 13(1) tal-Liġi 4332/1929, sa fejn eventwalment dawn imorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli [87(1) KE] u [88(3) KE]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq il-paragrafu (a) tal-ewwel domanda,

16 Permezz tal-paragrafu (a) tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 87(1) KE għandux jiġi interpretat fis-sens li taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jaqgħu l-privileġġi kkonferiti lil bank, bħad-dritt li jiskrivi unilateralment ipoteka fuq proprjetà ta' bdiewa jew

persuni oħra li jeżerċitaw attività relatata mal-attività agrikola, id-dritt li jeżegwixxi rkupru forzat permezz ta' sempliċi dokument iffirmat u l-eżenzjoni mill-ispejjeż u mid-drittijiet waqt l-iskrizzjoni ta' din l-ipoteka u ta' dan l-irkupru forzat.

17 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex miżura tkun tista', bħala għajnuna mill-Istat, taqa' taħt l-Artikolu 87(1) KE, fl-ewwel lok, għandu jkun każ ta' intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, fit-tieni lok, dan l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, fit-tielet lok, hija għandha tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha u, fir-raba' lok, hija għandha twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, filwaqt li huwa mifhum li dawn il-kundizzjonijiet kollha għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

18 Fir-rigward, qabel xejn, tal-kundizzjoni marbuta ma' intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, jeħtieġ li jitfakkar li huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat jew li jikkostitwixxu piż addizzjonali għall-Istat, li għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE. Fil-fatt mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni u tar-regoli tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 88 KE jirriżulta li l-vantaġġi mogħtija permezz ta' mezzi oħra barra r-riżorsi tal-Istat ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni (sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et*, C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

19 Skont ġurisprudenza stabbilita, jeħtieġ li jiġi vverifikat, sabiex jiġi stabbilit jekk il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarju jiggravax il-baġit tal-Istat, jekk teżistix rabta suffiċjentement diretta bejn, minn naħa, dan il-vantaġġ u, min-naħa l-oħra, tnaqqis tal-baġit tal-Istat, saħansitra riskju ekonomiku suffiċjentement konkret tal-piżijiet li jiggravawh (sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et* u Il-Kummissjoni vs Franza *et*, C-399/10 P u C-401/10 P, EU:C:2013:175, punt 109).

20 Sussegwentement, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-intervent inkwistjoni għandu jiġi analizzat bħall-għoti ta' vantaġġ approvat lill-benefiċjarju tiegħu, għandu jitfakkar li huma kkunsidrati bħala għajnuna, l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi jew li għandhom jitqiesu li huma vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq (sentenza Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 Għalhekk, huma partikolarment ikkunsidrati bħala għajnuna l-interventi li, taħt forom differenti, itaffu l-ispejjeż li, normalment, jiggravaw il-baġit ta' impriża u li, b'hekk, mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, ikunu tal-istess natura u jkollhom l-istess effetti (sentenza Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 22).

22 Jeħtieġ ukoll li jitfakkar li l-Artikolu 87 KE jipprojbixxi l-għajnuna li "tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi", jiġifieri l-għajnuna selettiva (sentenza P, C-6/12, EU:C:2013:525, punt 17). Għalhekk huma biss il-vantaġġi li jirriżultaw minn miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi kollha ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens ta' dan l-artikolu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-66/02, EU:C:2005:768, punt 99).

23 Fir-rigward, fl-aħħar, tal-kundizzjonijiet marbuta mal-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u mar-riskju ta' distorzjoni tal-kompetizzjoni, jeħtieġ li jitfakkar li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat, hemm lok mhux li jiġi stabbilit effett reali tal-għajnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda biss li jiġi eżaminat jekk din l-għajnuna tistax taffettwa lil dan il-kummerċ u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 B'mod partikolari, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta pparagunata ma' dik ta' impriżi kompetituri oħra fil-kummerċ intra-Ewropew, dawn tal-aħħar għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma influwenzati mill-għajnuna (sentenza Libert *et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Barra minn hekk, ma huwiex neċessarju li l-impriża benefiċjarja tkun qed tipparteċipa hija nnifisha fil-kummerċ intra-Ewropew. Fil-fatt, meta Stat Membru jagħti għajnuna lil impriża, jista' jkun li l-attività domestika tinżamm jew tiżdied, bir-riżultat li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom inqas possibbiltà li jippenetraw is-suq ta' dan l-Istat Membru. Minbarra dan, tisħiħ ta' impriża li, sa dak iż-żmien, ma kinitx tipparteċipa f'kummerċ intra-Ewropew tista' ssib ruħha f'sitwazzjoni li tippermettilha tippenetra s-suq ta' Stat Membru ieħor (sentenza Cassa di Risparmio di Firenze *et*, C-222/04, EU:C:2006:8, punt 143 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għal finijiet ta' risposta għad-domanda magħmula, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza, il-privileġġi miżmuma minn kumpannija, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jissodisfawx l-erba' kundizzjonijiet ilkoll rikjesti mill-Artikolu 87(1) KE, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi ta' interpretazzjoni li ġejjin.

27 Fir-rigward tal-privileġġ li jibbenefika minnhom ATE, skont il-Liġi 4332/1929, ma jistax jiġi eskluż li dawn jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 87(1) KE.

28 Fil-fatt, qabel xejn, dawn il-privileġġi, b'mod partikolari minħabba l-eżenzjoni tal-ispejjeż previsti mill-imsemmija liġi, jistgħu jċaħħdu lil fondi tal-Istat Membru minn ċertu dħul ta' likwidità u, għaldaqstant, inaqqsu l-baġit ta' dan tal-aħħar. Sussegwentement, tali eżenzjoni tista' ttaffi l-piżijiet li normalment jaggravaw il-baġit ta' bank, li tagħtih b'hekk vantaġġ ekonomiku fuq ċerti kompetituri. Fil-fatt, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jirriżultax li l-banek l-oħra jibbenefikaw minn tali eżenzjoni, fatt dan li jindika li din il-miżura hija ta' natura selettiva. Fl-aħħar, ma jistax jiġi eskluż li l-imsemmija eżenzjoni, b'rabta mal-privileġġi l-oħra mogħtija mil-Liġi 4332/1929, għandha l-effett li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ATE meta pparagunata mal-banek kompetituri attivi fil-kummerċ intra-Ewropew u li din hija ta' natura li tirrendi iktar diffiċli l-penetrazzjoni fis-suq tal-Istat Membru minn banek stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra.

29 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jeħtieġ li r-risposta għall-paragrafu (a) tal-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 87(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħhom bank ikollu d-dritt li jiskrivi unilateralment ipoteka fuq proprjetà ta' bdiewa jew ta' persuni oħra li jeżerċitaw attività relatata mal-attività agrikola, id-dritt li jeżegwixxi rkupru forzat b'sempliċi dokument iffirmat kif ukoll id-dritt li jiġi eżentat mill-ħlas tal-ispejjeż u tad-drittijiet marbuta ma' din l-iskrizzjoni. Hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

Fuq il-paragrafu (b) tal-ewwel domanda

30 Permezz tal-paragrafu (b) tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment x'inhu l-effett, fid-dawl tar-risposta għall-paragrafu (a) tal-ewwel domanda, tal-fatt li, privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkonferiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali lil bank indipendenti ta' utilità pubblika, waqt il-ħolqien ta' dan tal-aħħar, b'kont meħud tal-attivitajiet ta' kreditu agrikolu u tal-kompiti speċifiċi li kien inkarigat bihom, għadhom fis-seħħ u dan, anki wara li l-funzjonijiet ta' dan il-bank ġew estiżi għall-eżerċizzju ta' kull attività bankarja u li l-imsemmi bank sar kumpannija b'responsabbiltà limitata.

31 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ma jikkostitwixxux għajnuna fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, il-miżuri kkunsidrati bħala kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex jeżegwixxu obbligi ta' servizz pubbliku, b'tali mod li dawn l-impriżi ma jgawdux, fir-realtà, minn vantaġġ finanzjarju u li għaldaqstant, l-imsemmi intervent ma għandux l-effett li jqiegħed lil dawn l-impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli meta pparagunati mal-impriżi kompetituri (sentenza Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, sabiex, f'każ konkret, tali kumpens ma jaqax taħt il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat, għandhom jiġu ssodisfatti ċertu numru ta' kundizzjonijiet (sentenza Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 36).

33 Fl-ewwel lok, l-impriża benefiċjarja ta' tali kumpens trid tkun effettivament inkarigata twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbligi jridu jkunu ddefiniti b'mod ċar. Fit-tieni lok, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, sabiex jiġi evitat li huwa jagħti vantaġġ ekonomiku li jista' jiffavorixxi l-impriża benefiċjarja meta pparagunata ma' impriżi kompetituri. Fit-tielet lok, il-kumpens ma jridx jeċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul relatat magħhom kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi. Fir-raba' lok, dan il-kumpens għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż inkorsi minn impriża ta' daqs medju, amministrata tajjeb u li għandha l-mezzi neċessarji xierqa sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' servizz pubbliku meħtieġa, għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dħul marbut magħhom kif ukoll profitt raġonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi (sentenza Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, EU:C:2010:335, punti 37 sa 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza, jekk, b'mod partikolari, wara l-estensjoni tal-attività u l-emendi tal-istatuti ta' ATE, il-privileġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv għal servizzi mwettqa minn dan il-bank sabiex jeżegwixxi obbligi ta' servizz pubbliku.

35 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jeħtieġ li tingħata risposta għall-paragrafu (b) tal-ewwel domanda li r-risposta għall-paragrafu (a) tal-ewwel domanda tista' tkun affettwata mill-fatt li privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkonferiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali lil bank indipendenti ta' utilità pubblika, waqt l-istabbiliment ta' dan tal-aħħar, bħala korrispettiv għall-attivitajiet ta' kreditu agrikolu u għall-kompiti speċifiċi li kien inkarigat bihom, għadhom fis-seħħ, wara li l-funzjonijiet ta' dan il-bank ġew estiżi għall-eżerċizzju ta' kull attività bankarja u li l-imsemmi bank sar kumpannija b'responsabbiltà limitata. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti ta' fatt u ta' liġi, jekk f'dan il-każ humiex issodisfatti l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi li jippermettu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġi kkunsidrat li l-imsemmija privileġġi jikkostitwixxu kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv għal servizzi mwettqa minn dan il-bank sabiex jeżegwixxi obbligi ta' servizz pubbliku, u li b'tali mod ma jaqgħux taħt il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

Fuq it-tieni domanda

36 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 87(1) KE għandux jiġi interpretat fis-sens li meta privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-Istat Membru li jkun stabbilixxihom huwa obbligat li jsegwi il-proċedura ta' eżami preliminari previst fl-Artikolu 88(3) KE.

37 F'dan ir-rigward jeħtieġ li jitfakkar, qabel xejn, li l-Artikolu 88 KE jistabbilixxi proċeduri distinti skont jekk l-għajnuna tkunx eżistenti jew ġdida. Filwaqt li l-għajnuna ġdida għandha, skont l-Artikolu 88(3) KE, tiġi nnotifikata bil-quddiem lill-Kummissjoni, u ma tistax tiġi eżegwita qabel ma l-proċedura ma tkun waslet għal deċiżjoni finali, l-għajnuna eżistenti tista', skont l-Artikolu 88(1) KE, tiġi eżegwita b'mod regolari kemm-il darba l-Kummissjoni ma tkunx ikkonstatat l-inkompatibbiltà tagħha (sentenza Kremikovtzi, C-262/11, EU:C:2012:760, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, l-Artikolu 88(3) KE ma jagħtix lill-qrati nazzjonali l-ġurisdizzjoni li jipprojbixxu l-eżekuzzjoni ta' għajnuna eżistenti (sentenza P, C-6/12, EU:C:2013:525, punt 41).

38 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-privileġġi, bħal dawn inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħux jew le jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

39 Skont l-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 659/1999, għajnuna tista' tiġi kklassifikata bħala eżistenti, kemm meta din tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat, tibqa' applikabbli wara din id-data u ma tkunx ġiet emendata wara, kif ukoll meta tkun ingħatat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat, iżda jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, previst fl-Artikolu 15(3) tal-imsemmi regolament.

40 Konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fl-ewwel lok, jekk, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-elementi mfakkra qabel fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel domanda, il-privileġġi inkwistjoni, bħal dawk ikkonferiti lil ATE meta dan ġie stabbilit fl-1929, kinux jissodisfaw il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, b'tali mod li dawn tal-aħħar, stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti.

41 Jekk dan huwa il-każ, l-imsemmija qorti għandha tivverifika, fit-tieni lok, jekk, fid-dawl tal-emendi li saru fir-rigward ta' ATE fl-1987 u fl-1990 u b'mod partikolari tal-estensjoni tal-attività ta' dan tal-aħħar, jistax jiġi kkunsidrat li l-privileġġi mogħtija inizjalment ġew emendati mill-fatt tal-estensjoni tagħhom għal attivitajiet oħra ta' kreditu minbarra dawk koperti inizjalment. Jekk dan ikun il-każ, l-Istat Membru kien għalhekk, bħala prinċipju, obbligat li jsegwi l-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3) KE. Fin-nuqqas ta' dan, għall-kuntrarju, l-imsemmija proċedura ma kellhiex għalfejn tiġi segwita.

42 Barra minn hekk, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tiddeċiedi li l-privileġġi inkwistjoni ma kinux jikkostitwixxu, fid-data meta dawn ingħataw lil ATE, għajnuna mill-Istat, iżda li dawn saru għajnuna mill-Istat biss wara l-estensjoni tal-attività u l-emendi fl-istatuti ta' ATE, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat, il-privileġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti.

43 B'dan ferm stabbilit, dawn jistgħu madankollu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti meta, kif tfakkar fil-punt 39 ta' din is-sentenza, jkun skada t-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 659/1999. F'tali każ, l-Istat Membru ma jkunx obbligat li jsegwi l-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3) KE.

44 F'każ kuntrarju, fejn dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun għadu jiddekorri, il-privileġġi inkwistjoni jkunu jikkostitwixxu għajnuna ġdida u l-Istat Membru kkonċernat ikun obbligat, kif jirriżulta mill-punt 37 ta' din is-sentenza, li jsegwi l-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3) KE.

45 Konsegwentement, fl-ipoteżi msemmija fil-punti 41 u 42 ta' din is-sentenza, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jekk l-imsemmi terminu ta' preskrizzjoni skadiex jew le.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li tingħata risposta għat-tieni domanda li l-Artikolu 87(1)KE għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-Istat Membru li jkun stabbilihom ikun obbligat li jsegwi l-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3)KE dment li dawn il-privileġġi ikunu saru għajnuna ġdida wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat u li ma jkunx skada t-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 659/1999, fatti li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tielet domanda

47 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 87(1) KE u 88(3) KE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikunu inkompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet, l-imsemmija qorti tkun obbligata li tiddeżisti mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxuhom.

48 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi speċifikat li risposta għal din id-domanda tkun utli għall-qorti tar-rinviju biss fil-każ li l-għajnuna mill-Istat tkun ġdida, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999.

49 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 37 ta' din is-sentenza, hija biss l-għajnuna l-ġdida li hija suġġetta għall-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3) KE.

50 Issa, mill-Artikolu 88(3) KE u mill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li għajnuna ġdida ma tistax tiġi implementata qabel ma tkun ġiet adottata deċiżjoni mill-Kummissjoni li tawtorizzaha.

51 Minn dan isegwi li għajnuna ġdida implementata bi ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 88(3) KE hija illegali. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 1(f) tar-Regolament Nru 659/1999 (sentenza Residex Capital IV, C-275/10, EU:C:2011:814, punt 28).

52 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jisiltu l-konsegwenzi kollha, konformement mad-dritt nazzjonali tagħhom, f'dak li jirrigwarda kemm il-validità tal-atti li jimplementaw miżuri ta' għajnuna kif ukoll l-irkupru tal-għajnuna finanzjarja mogħtija bi ksur ta' din id-dispożizzjoni (sentenza Xunta de Galicia, C-71/04, EU:C:2005:493, punt 49).

53 Minn dan isegwi li jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun kiser l-Artikolu 88(3) KE, il-qorti tar-rinviju hija obbligata li tiddeżisti mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-privileġġi illegali.

54 Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, hemm lok li tingħata risposta għat-tielet domanda li l-Artikolu 87(1) KE u l-Artikolu 88(3)KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk il-qorti tar-rinviju tqis li l-privileġġi inkwistjoni jikkostitwixxu, fid-dawl tar-risposta għat-tieni domanda, għajnuna mill-Istat ġdida, hija tkun obbligata li tiddeżisti mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu tali privileġġi minħabba l-inkompatibbiltà tagħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 87(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħhom bank ikollu d-dritt li jiskrivi unilateralment ipoteka fuq proprjetà ta' bdiewa jew ta' persuni oħra li jeżerċitaw attività relatata mal-attività agrikola, id-dritt li jeżegwixxi rkupru forzat b'sempliċi dokument iffirmat kif ukoll id-dritt li jiġi eżentat mill-ħlas tal-ispejjeż u mid-drittijiet marbuta ma' din l-iskrizzjoni. Hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.**

2) **Ir-risposta għall-paragrafu (a) tal-ewwel domanda tista' tkun affettwata mill-fatt li privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkonferiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali lil bank indipendenti ta' utilità pubblika, waqt l-istabbiliment ta' dan tal-aħħar, bħala korrispettiv għall-attivitajiet ta' kreditu agrikolu u għall-kompiti speċifiċi li kien inkarigat bihom, għadhom fis-seħħ, wara li l-funzjonijiet ta' dan il-bank ġew estiżi għall-eżerċizzju ta' kull attività bankarja u li l-imsemmi bank sar kumpannija b'responsabbiltà limitata. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti ta' fatt u ta' liġi, jekk f'dan il-każ humiex issodisfatti l-erba' l-kundizzjonijiet kumulattivi li jippermettu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġi kkunsidrat li l-imsemmija privileġġi jikkostitwixxu kumpens li jirrappreżenta l-korrispettiv għal servizzi mwettqa minn dan il-bank sabiex jeżegwixxi obbligi ta' servizz pubbliku, u li b'tali mod ma jaqgħux taħt il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.**

3) **L-Artikolu 87(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li meta privileġġi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-Istat Membru li jkun stabbilihom ikun obbligat li jsegwi l-proċedura ta' eżami preliminari prevista fl-Artikolu 88(3)KE dment li dawn il-privileġġi ikunu saru għajnuna ġdida wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru kkonċernat u li ma jkunx skada t-terminu ta' preskrizzjoni, previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 88KE, fatti dawn li għandhom jiġu vverfikati mill-qorti tar-rinviju.**

4) **L-Artikolu 87(1)KE u 88(3) KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk il-qorti tar-rinviju tqis li l-privileġġi inkwistjoni jikkostitwixxu, fid-dawl tar-risposta għat-tieni domanda, għajnuna mill-Istat ġdida, hija tkun obbligata li tiddeżisti mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu tali privileġġi minħabba l-inkompatibbiltà tagħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat.**

Firem